MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## MARSEANN FARRUGIA

Seduta tal-11 ta' Jannar, 2012

Numru. 34/2003

**Il-Pulizija**
**(Spettur Victor Aquilina)**

**vs.**

**Paul Gauci Borda**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Paul Gauci Borda ta' 36 sena, iben il-mejjet Paul u Carmen nee Cassar, imwieled Attard fit-23 ta' Mejju 1966, joqghod Flat 1, D'Aniens Court, Upper Saint Albert Street, Gzira, detentur tal-Karta tal-Identita numru 252366(M).

Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer fit-12 ta' t'Ottubru 2001 u l-ahhar xhur ta' qabel gol-Gzira u fi bnadi ohra f'Malta u hinijiet differenti:

a) forna jew pprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga eroina, specifikata fl-ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta, lill-persuna/i jew għall-użu ta' persuna/i mingħajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta, mingħajr ma kien awtorizzat bir-Regoli tal-1939 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (GN 292/39) jew minn xi awtorita' mogħtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga u ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tas-6 Taqsima tal-Ordinanza msemmija u mingħajr ma kellu licenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u mingħajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-Regolament 4 tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-drogi perikoluzi (GN 292/39) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

b) kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-medicini perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas milli jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regolament 9 tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/39) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kienitx ghall-uzu esklussiv tieghu.

c) Ukoll talli biegh jew xort'ohra ittraffika fir-raza mehuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza.

d) u akkuzat ukoll talli ikkommetta dawn ir-reati f'post, fi jew gewwa centru, u/jew f'distanza ta' mitt (100) metru mill-perimetru ta' post fejn jiltaqghu iz-zaghzagh.

Il-Qorti giet ukoll mitluba li f'kaz ta' htija barra milli tapplika l-piena skond il-ligi tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skond l-Artikolu 533(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Wara li rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-ordni tal-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu tnejn (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101), sabiex din il-kawza tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali.

Wara li semghet ix-xhieda u rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti.

Wara li rat li fis-seduta tad-9 ta' Marzu 2011, l-ufficjal prosekutur iddikjara li qed jirrimetti ruhu ghall-provi.

Wara li semghet it-trattazzjoni ta' l-avukat difensur Dottor Leslie Cuschieri;

Ikkunsidrat:

**Htija**

Mill-provi jirrizulta li nhar it-13 ta' Ottubru 2001, waqt tfittxija li saret fir-residenza ta' l-imputat fil-Gzira, il-Pulizija sabet lill-imputat u lil certu Conrad Agius flimkien fil-kamra tas-sodda u droga eroina fuq gazzetta fuq armarju fil-kamra tas-sodda. Mir-rapport ta' l-espert spizjar Mario Mifsud kien hemm 1.5 grammi eroina. Fuq il-persuna ta' Conrad Agius instabet is-somma ta' cirka LM84.00.

Fl-istqarrija guramentata tieghu, l-imputat jghid li hu kien jixtri d-droga minghand Agius u li dak in-nhar Agius kien gablu d-droga d-dar, u hu, cioe l-imputat kien tah cirka LM84.00 bhala parti mill-hlas.

Min-naha l-ohra, fl-istqarrija guramentata tieghu, Conrad Agius jghid li hu mar fid-dar ta' l-imputat biex jixtri d-droga minghad l-imputat, u l-flus li instabu fuqu kienu tieghu u kien se juzahom biex ihallas xi dejn. Agius cahad li kien ibiegh id-droga u cahad li kien mar ghand l-imputat biex ibieghlu d-droga.

Pero Agius qatt ma gie prodott mill-prosekuzzjoni sabiex jikkonferma l-istqarrija tieghu f'dawn il-proceduri, stante li siefer wara li gie infurmat mill-pulizija li kienu se jittiehdu passi kriminali fil-konfront tieghu,[1] u l-pulizija ma setghetx tintraccah. Kif gie ritenut mill-Qorti Kriminali fis-sentenza taghha tas-26 ta' Mejju 2003:

*"L-ewwel sentenza tal-Artikolu 30A tal-Kap. 101 taghmilha cara li dak l-Artikolu qed jipprovdi ukoll eccezzjoni, pero mhux eccezzjoni ghar-regola kontenuta fl-Artikolu 646(1) tal-Kodici Kriminali izda ghar-regola kontenuta fl-Artikolu 661 ta' l-istess Kodici. Minn dan isegwi, li anke meta l-prosekuzzjoni tkun trid taghmel uzu minn dikjarazzjoni guramentata mehuda skond l-imsemmi Artikolu 30A, ir-regola ghandha tkun li min ghamel dik l-istqarrija ghandu jingieb fil-qorti biex l-imputat jew akkuzat ikun jista' jikkontroezaminah dwarha. ... ...* (sottolinear tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali)

*Fil-kaz in dezamina Mentosa la gie prodott mill-prosekuzzjoni fil-qorti, peress li kien telaq minn Malta definittivament, u anqas ittiehdet id-deposizzjoni tieghu permezz tal-procedura tar-rogatorji. L-ewwel qorti, ghalhekk kellha tiskarta l-istqarrija guramentata tieghu ... ... Sfortunatament il-ligi ma tipprovdix ghal dak li jista' jsir f'kaz bhal dak in ezami meta l-persuna li tkun ghamlet l-istqarrija guramentata skont l-Artikolu 30A tmut, jew ma tkunx tista' tinstab, jew ma jkunx ragonevolment prattikabbli li instema permezz tar-rogatorji."*

Fil-kaz odjern l-istqarrija guramentata ta' Conrad Agius hija l-unika prova kontra l-imputat fuq l-akkuzi ta' traffikar u pussess aggravat, u ghalhekk fid-dawl ta' l-insenjament

[1] Ara xhieda ta' l-ispettur Josric Mifsud a fol. 54 tal-process.

tal-Qorti ta’ l-Appell Kriminali fuq citata, dina l-Qorti sejra tiskarta din l-istqarrija guramentata.

Meta tigi skartata l-istqarrija guramentata ta’ Agius, jibqa’ biss il-versjoni tal-fatti li ta l-imputat kemm fl-istqarrija guramentata tieghu kif ukoll meta xehed f’dawn il-proceduri, u cioe li hu qatt ma biegh droga lil Agius jew lil xi hadd iehor, imma li kien l-istess Agius li mar id-dar tieghu biex ibieghlu d-droga, ghall-uzu personali tieghu. Fl-istqarrija guramentata tieghu l-imputat jghid li hu kellu jsarraf cekk malajr tal-Gvern malajr fuq l-idejn, ghax Agius ma riedx jaccetta cekk bhala hlas tad-droga. Din il-versjoni ta’ l-imputat tinsab korroborata mix-xhud Joseph Sciberras, li dak iz-zmien kellu kiosk il-Gzira, li xehed li dak in-nhar ta’ l-incident huwa kien sarraf lill-imputat cekk tal-Gvern fuq l-idejn.

Ghalhekk fil-fehma ta’ din il-Qorti l-ewwel zewg akkuzi, u cioe dik ta’ traffikar u dik ta’ pussess aggravat ma gewx ippruvati, izda gie ippruvat biss il-pussess semplici tad-droga eroina, li huwa reat kompriz u involut fl-imputazzjoni tal-pussess aggravat.

Fl-ahharnett, il-Qorti tirrileva li ma tressqet l-ebda prova biex tissustanzja z-zewg imputazzjonijiet l-ohra, u cioe dik tat-traffikar tar-raza cannabis u dik li dawn ir-reati jew kommessi f’post u/jew f’distanza ta’ mitt (100) metru mill-perimetru ta’ post fejn jiltaqghu iz-zghazagh.

## Piena

Ghall-fini tal-piena il-Qorti hadet in konsiderazzjoni id-dikjarazzjoni tal-ufficjal prosekutur li l-hati ghandu jibbenifika minn mitigazzjoni fil-piena a tenur tal-Artikolu 29. tal-Kapitolu 101,[2] u ghalhekk dina l-Qorti sejra tnaqqas il-piena ta’ prigunerija bi grad wiehed.

---

[2] Ara verbal a fol. 19 tal-process, u x-xhieda ta’ l-ispettur Josric Mifsud a fol. 56 tal-process.

Il-Qorti hadet ukoll in konsiderazzjoni li l-imputat ikkollabora mill-ewwel mal-pulizija u li l-fedina penali tieghu hija pjuttost raffrettarja, u li ghalkemm inghata diversi okkazzjonijiet minn dawn il-Qrati biex ibiddel hajtu, huwa baqa’ ma tghallimx – ghalkemm irid jinghad li fil-fedina penali ma hemmx registrati kundanni mill-2009 il-quddiem.

## Konkluzjoni

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 8(b), 22(1)(a), 22 (2) (b) (i) u (ii) u 29 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta u r-Regolamenti 4 u 9 tal-G.N. 292/1939, l-Artikoli 96(a), 95(1), 338(ee), 49 u 50 tal-Kapitolu 9, issib lill-imputat mhux hati tal-imputazzjonijiet (a), (c) u (d) migjuba kontra tieghu, u fil-kaz tal-imputazzjoni (b) issibu hati biss ta’ pussess semplici tad-droga eroina, u qed tilliberah mill-aggravanti li dan il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tieghu.

Fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula, il-Qorti tikkundanna l-hati ghal piena ta’ multa ta’ hames mitt Euro (€500), li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta tista’ tithallas b’rati mensili u konsekuttivi ta’ hamsin Euro (€50.00). L-ewwel pagament ghandu jsir mhux akar tard mill-1 ta’ Frar 2012. Pero jekk l-hati jonqos li jhallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta’ gurnata habs ghal kull hdax-il Euro u hamsa u sittin centezmu (€11.65) dovut.

In oltre, il-Qorti tordna lill-hati ihallas l-ispejjez li ghandhom x’jaqsmu mal-hatra tal-esperti skont l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, liema spejjez jammontaw ghas-somma ta’ €86.25, li ghandhom jithallsu fi zmien sitt (6) xhur mil-lum, b’dan li jekk l-hati jonqos li jhallas dan l-ammont jew parti minnu fiz-zmien lilu preskritt, l-ammont jew il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta’ gurnata habs ghal kull hdax-il Euro u hamsa u sittin centezmu (€11.65) dovut.

Il-Qorti tordna li d-droga u l-affarijiet konnessi maghha ezebiti jigu distrutti taht is-supervizjoni tar-registratur.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------